MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 423/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-28 ta’ Diċembru, 2005 li permezz tagħha l-attur espona bir-rispett:

Illi l-konvenuta B kellha relazzjoni ma’ l-attur.

U illi l-attur qed jikkontendi anke minn dak li kienet qaltlu l-istess konvenuta B li t-tarbija li twieldet lill-istess konvenuta bl-isem ta’ ‘X’ nhar il-25 ta’ Novembru 2005 huwa jiġi l-missier naturali u bijoloġiku tagħha.

U illi nonostante illi tramite l-Avukat ta' fiduċja tiegħu l-attur kiteb lill-konvenuta B ħalli jsir id-*DNA Test* ħalli jiġi stabbilit jekk l-attur huwiex il-missier naturali tat-tarbija, l-istess konvenuta irrifjutat illi jsir dan.

U illi minħabba f'hekk l-attur ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili interpella lill-konvenuta B permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Diċembru, 2005 (Dok. 'JF1') ħalli hija, permezz ta' nota fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, tirreġistra l-qbil tagħha dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-attur mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bħala l-missier tat-tarbija.

U illi sussegwentement għall-presentata tal-imsemmija ittra uffiċjali l-attur irnexxielu jottjeni kopja mir-Reġistru Pubbliku ta' l-att tat-twelid relattiv (Dok. 'JF2') fejn sorpretendement l-imsemmi konvenuta B irreġistrat bħala missier it-tarbija lil ċertu C bħala l-missier ta' l-imsemmija tarbija.

Għalhekk jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti tħoss li għandha tagħti fiċ-ċirkostanzi, tiddikjara li l-konvenut C m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri X u dana anke permezz tal-ħatra ta' perit nominand jew tħoss il-ħtieġa din il-Qorti.

2. Tiddikjara, anke permezz tal-ħatra ta' perit nominand, illi l-attur huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri Martina.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid bin-Numru 3860/2005 u dana billi fil-ħames

kolonna ta’ l-istess Att jineħħew il-kliem ‘C (Pieta’ Malta)’ u jidħlu l-kliem ‘A (Pieta’ Malta)’.

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ħalli joħroġatt tat-twelid ieħor hekk kif korrett.

Bl-ispejjeż u l-konvenuti jew min minnhom minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta’ Frar, 2006 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-attur għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu sabiex jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu dawn ikunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-minuri għandha tkun parti mill-kawża u l-interessi tagħha rappreżentati minn kuraturi.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas tal-konvenut li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut.

Rat illi l-konvenuta għalkemm assumiet l-atti bħala kuratriċi tal-minuri baqgħet kontumaċji.

Rat l-atti proċesswali.

Rat id-dokument a fol 35 tal-proċess u cioe’ ir-riżultanzi tat-test tad-*DNA*.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta u reġistrata bħala bint il-konvenut C tiġi reġistrata bħala tiegħu; il-konvenuta kif ġia’ ingħad ma ppresentatx eċċezzjonijiet.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

“*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f’dak iż-żmien ma kellhiex x’taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma’ dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f’moħħ il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*”

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba tal-attur anzi mit-test xjentifiku ma hemm ebda dubbju li t-tarbija msemmija hija fil-fatt bint l-attur.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 japplika għall-korrezzjonijiet li jsiru skond il-proċedura ndikata fl-artiklu preċedenti u mhux f'kawżi simili. Ikun tajjeb pero' li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artiklu 256 li se tiġi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obligat li jagħmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi żmien għaxart ijiem li jiġi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenut u fil-kontumaċja tal-konvenuta;**

**1. tiddikjara lill-attur missier naturali tal-minuri X;**

**2. todna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarju fl-att tat-twelid numru 3860 ta' l-2005 billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-attur minnflok dawk tal-konvenut C u dan fi żmien għaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jiġi notifikat mill-attur bil-konnotati tiegħu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn l-attur u l-konvenuta li pero' għandha tħallas hi l-ispejjeż tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------